31978R2116

8.9.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 246/7

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2116/78

tas-7 ta' Settembru 1978

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2598/70 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1108/70 ta' l-4 ta' Ġunju 1970

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 ta' l-4 ta' Ġunju 1970 li jintroduċi sistema ta' kontabilità għall-ispiża fuq infrastruttura f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) ta' dan,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2598/70 tat-18 ta' Diċembru 1970 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1108/70 ta' l-4 ta' Ġunju 1970 [2],

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet murija mill-membri tal-Kumitat ta' Esperti tal-Gvern,

Billi t-tipi ta' spiża li għandhom x'jaqsmu ma' infrastrutturi tal-ferroviji għandhom jiġu speċifikati sabiex it-total ta' dawn l-ispejjeż kif ukoll dik il-parti li taqa' fuq l-impriżi tal-ferroviji ikun jista' jiġi vverifikat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu Waħdieni

L-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2598/70 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Settembru 1978.

Għall-Kummissjoni
Richard BURKE
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 130, tal-15.6.1970, p. 4.
[2] ĠU L 278, tat-23.12.1970, p. 1.

L-ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (KEE) Nru 2598/70

A. OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

Dan li ġej huwa miżjud mat-tieni subparagrafu tal-punt 2:

"Fil-każ tal-ferroviji, l-ammonti mnaqqsa għandhom jintwerew separatament. Dawn l-amonti jista' jkollhom x'jaqsmu partikolarment mal-kumpens riċevut fir-rigward ta':

– spiża ta' infrastruttura (Regolament (KEE) Nru 1107/70 ([1]), l-Artikolu 3(1) (b)),

– ħlasijiet fir-rigward ta' irtirar u pensjonijiet oħrajn (Regolament (KEE) Nru 1192/69 ([2]), l-Artikolu 4(1)(ċ), Klassi III).

([1]) ĠU L 130, tal-15.6.1970, p. 1.
([2]) ĠU L 156, tat-28.6.1969, p. 8."